MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Numru 6/1996

**Il-Qorti**,

Rat is-sentenza taghha moghtija fit-23 ta' Jannar 2003 li biha cahdet l-appell ta' l-imsemmi Lawrence Asciak sive Axiak kontra d-dikjarazzjoni ta' htija tieghu u kkonfermat s-sentenza appellata tat-2 ta' Gunju 2000 f'dan ir-rigward, filwaqt li rrizervat li tipprovdi dwar il-piena wara li jsir *pre-sentencing investigation report* mill-ufficjal tal-*probation* Mariella Camilleri;

Rat ir-rapport ta' l-imsemmija ufficjal tal-*probation* Mariella Camilleri debitament mahluf fl-24 ta' Frar 2003;

Semghet, fl-udjenza ta' l-20 ta' Marzu 2003, is-sottomissjonijiet tad-Difiza u tal-Prosekuzzjoni kwantu jirrigwarda l-piena;

Ikkunsidrat:

Fir-rapport taghha, l-ufficjal tal-*probation* taghmel riassunt hekk tas-sitwazzjoni, riassunt li, a bazi ta' dak li jirrizulta mir-rapport taghha, din il-Qorti taqbel perfettament mieghu:

"Mill-kuntatti kollha li saru matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport l-aktar fattur komuni kien il-fatt li l-problema magguri fil-kaz ta' Lawrence Axiak hija li hu bniedem maghluq fih innifsu u li din hi sinonima ma' l-ambjent tar-rahal li trabba fih. Tant hu hekk li din il-karatteristika partikolari ta' dan ir-rahal affettwat il-gbir ta' l-informazzjoni meta gejt f'kuntatt ma' residenti ta' dan il-lokal matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport.

Fattur komuni iehor huwa li Lawrence Axiak gej minn familja semplici u tradizzjonali, fejn anke l-ambjent tad-dar huwa wiehed tipikament antik. In-nuqqas ta' komunikazzjoni hi prevalenti fost il-membri tal-familja, filwaqt li fl-istess hin xorta tinhass certa ghaqda bejniethom. Fil-fatt, huwa evidenti li minhabba li l-genituri ghandhom problemi ta' sahha, Lawrence Axiak sab is-support necessarju minghand hutu l-bniet li lesti jkomplu jaghtuh l-ghajnuna kollha wara li jintemm dan il-kaz.

F'dan il-kaz insibu wkoll aspetti li ghadhom jehtiegu certa attenzjoni. Meta wiehed jikkonsidra r-riabilitazzjoni ta' Lawrence Axiak, tinhass il-htiega li jkun hemm kontinwazzjoni tat-terapija li kienet qed tinghatalu qabel huwa dahal il-habs u li skond Dun Manwel Cordina, li kien qed jamministra din it-terapija, kienet effettiva ferm. F'dan il-punt hija ta' mportanza li permezz tat-terapija tigi kkonfrontata r-rabja li trawmet fih."

L-ufficjal tal-*probation* tikkonkludi billi tirrakkomanda mitigazzjoni fil-piena peress li f'dan il-kaz l-aspett rijabilitattiv jista' jigi milhuq l-aktar permezz tal-

kontinwazzjoni tat-terapija li kienet qed tigi amministrata lil Lawrence Axiak qabel ma' dahal il-habs.

Il-Qorti, wara li kkunsidrat dan ir-rapport kif ukoll ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, hija tal-fehma li ghandha taghti aditu ghar-rakkomandazzjoni ta' l-ufficjal tal-*probation*. Din il-fehma hija msahha anke mir-rapporti annessi mar-rapport tal-ufficjal tal-*probation*. Mid-Dok. 1, li huwa rapport ta' Desmond Zammit Marmara`, *Education Coordinator CCF*, jidher li l-appellant ilu jattendi l-klassijiet organizzati mill-*Education Unit* ghall-ahhar sentejn, li l-attendenza tieghu hija regolari u puntwali, u li dejjem wera rispett lejn l-istaff tal-*Unit*. Inoltre, skond l-istess rapport, *"his interaction with the other residents is very positive and based on solidarity and mutual support"*. Mid-Dok. 3, rapport ta' Christine Ciappara li hija *social worker* ma' l-agenzija SEDQA, jirrizulta li l-appellant talab ghajnuna sabiex meta johrog mill-habs ma jergax lura ghall-problema ta' konsum qawwi ta' alkohol. Dawn huma cirkostanzi li, fil-fehma tal-Qorti, juru motivazzjoni da parti ta' l-appellant biex ighix hajja normali fejn jista' jaghti l-kontribut tieghu lejn is-socjeta`. Huma wkoll ragunijiet li jinkwadraw f'dak li jipprovdi l-ewwel proviso tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446. Ghalhekk il-Qorti se taghtih l-opportunita` li jkompli juzufruwixxi mill-ghajnuna li diga` sab billi, in kwantu jirrigwarda l-Ewwel Kap u t-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuza u li dwarhom kien instab hati, hija se taghmel ordni ta' *probation* skond il-provvedimenti ta' l-artikolu 7 ta' l-Att dwar il-*Probation* (Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta). Irid jigi ccarat li, nonostante li l-Kapi msemmija jirrigwardaw reati taht il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-ligi applikabbli hija dik vigenti meta gew kommessi r-reati in kwistjoni, cioe` s-sena 1992, meta allura ma kienx prekluz l-uzu ta' *Probation* ghar-reati kontemplati taht dik l-Ordinanza; inoltre, kien biss fl-1994, permezz ta' l-Att numru VI ta' dik is-sena, li l-koltivazzjoni giet ekwiparata mat-"traffikar". Finalment, bhala parti integrali mir-rijabilitazzjoni kompleta tieghu, il-Qorti ser tirrakkomanda wkoll li huwa jinzamm fl-impjieg tieghu, cioe` l-impjieg li huwa kellu qabel ma beda dan il-kaz.

Il-Qorti trid taghmilha cara li hija b'ebda mod ma trid timminimizza l-gravita` tar-reat ta' koltivar tal-*cannabis* li llum hu punibbli mill-Qorti Kriminali bil-prigunerija ghall-ghomor u mill-Qorti tal-Magistrati bi prigunerija sa ghaxar snin; huma biss ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz li qed iwasslu lil din il-Qorti biex timmodifika l-piena.

In kwantu jirrigwarda r-Raba' Kap ta' l-Att ta' Akkuza, jirrizulta li mir-residenza ta' l-appellant gew elevati hames bottijiet tal-landa li kellhom micca hierga minnhom u li, meta gew ezaminati mill-espert tekniku Lieut-Colonel Albert Camilleri, instab li kienu jikkontjenu medja ta' 35 gramm kull wiehed ta' mistura piroteknika. Fix-xiehda tieghu dan l-espert tekniku osserva li wisq probabbli dawn it-tip ta' bombi kienu lesti biex jintuzaw ghas-sajd. Qal ukoll li l-ammont ta' splussiv kien zghir hafna u li kieku kellhom jintefghu fil-bahar ir-*radius* ta' l-effett taghhom kien ikun zghir hafna. Jidher ukoll li dawn il-"bombi" ma kinux ta' manifattura recenti.

Issa meta l-Qorti tqis dawn ic-cirkostanzi kif ukoll li l-appellant diga` ilu l-habs kwazi sentejn u ghaxar xhur, li matul dan iz-zmien wera ruhu propens li jaghmel dak kollu mehtieg ghar-rijabilitazzjoni tieghu, li l-fedina penali tieghu aggornata (esebita permezz ta' nota ta' l-Avukat Generali tal-21 ta' Marzu 2003) tindika biss xi ksur tal-ligijiet tat-traffiku, kif ukoll meta tqis il-kontenut tar-rapport ta' l-ufficjal tal-*probation*, aktar 'il fuq imsemmi, din il-Qorti hi tal-fehma li hemm lok ghall-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali fir-rigward tar-reat kontemplat fir-Raba' Kap ta' l-Att ta' Akkuza.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghal prigunerija ghal zmien ta' hames snin bit-tnaqqis ta' kull zmien li hu kien taht arrest preventiv kif ukoll ghal multa ta' Lm5,000, u minflok dawn il-pieni, in kwantu jirrigwardaw l-Ewwel u t-Tieni Kapi ta' l-Att ta' Akkuza tqieghed lill-imsemmi Lawrence Axiak taht *probation* skond l-artikolu 7 tal-Kap 446 ghal perijodu ta' tliet snin millum skond l-Ordni

ta' *Probation* hawn anness (u dan wara li ghamlet dak mehtieg skond is-subartikolu (7) ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446), u in kwantu jirrigwarda r-Raba' Kap ta' l-Att ta' Akkuza, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kap 9, tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mitejn liri Maltin (Lm200), konvertibbli f'erbghin (40) gurnata prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

Fl-ahharnett din il-Qorti, ghar-raguni fuq imsemmija, tirrakkomanda li l-appellant jinzamm fl-impjieg li huwa kellu qabel ma beda dan il-kaz.

---------------------------------TMIEM---------------------------------